VERŻJONI ELETTRONIKA

*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,589, 10 ta' Ġunju, 2016*
*Taqsima C*

# Nru. 162

10. 06. 2016

# MALTA

## KAMRA TAD-DEPUTATI

ABBOZZ ta' Liġi mressaq mill-Onorevoli Carmelo Abela, M.P., Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali, u moqri għall-Ewwel darba fis-Seduta tas-6 ta' Ġunju, 2016.

**ATT biex jemenda l-Att dwar il-Forzi Armati ta' Malta, Kap. 220.**

RAYMOND SCICLUNA
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

## HOUSE OF REPRESENTATIVES

A BILL introduced by the Honourable Carmelo Abela, M.P., Minister for Home Affairs and National Security, and read the First time at the Sitting of the 6th June, 2016.

**AN ACT to amend the Malta Armed Forces Act, Cap. 220.**

RAYMOND SCICLUNA
*Clerk of the House of Representatives*

VERŻJONI ELETTRONIKA



## ABBOZZ TA' LIĠI
## msejjaħ

*ATT biex jemenda l-Att dwar il-Forzi Armati ta' Malta, Kap. 220.*

IL-PRESIDENT bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħarġet b'liġi dan li ġej:-

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

Kap. 220.

**1.** (1) It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att huwa l-Att tal-2016 li jemenda l-Att dwar il-Forzi Armati ta' Malta, u dan l-Att għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar il-Forzi Armati ta' Malta, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

(2) Dan l-Att għandu jidħol fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għad-difiża jista' b'avviż fil-Gazzetta jistabbilixxi, u dati differenti jistgħu jiġu hekk stabbiliti għal dispożizzjonijiet differenti jew għanijiet differenti ta' dan l-Att.

Emenda tal-artikolu 4 tal-Att prinċipali.

**2.** Minnufih wara s-subartikolu (4) tal-artikolu 4 tal-Att prinċipali, għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

"(5) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu, u sa fejn l-għoti ta' pensjonijiet hija kkonċernata:

(a) kull regolament magħmul taħt dan l-artikolu jista' b'effett retroattiv jikkonferixxi benefiċċju fuq jew ineħħi diżabilità annessa ma' kull persuna jew klassi ta' persuni;

(b) l-ebda regolament magħmul taħt dan l-artikolu m'għandu jkollu effett qabel ma jkun approvat mill-Kamra tad-Deputati permezz ta' riżoluzzjoni; u

VERŻJONI ELETTRONIKA



(ċ) kull pensjoni mogħtija taħt dan l-Att għandha tinħadem skont id-dispożizzjonijiet li huma fis-seħħ fid-data attwali tal-irtirar tal-uffiċjal.".

---

**Għanijiet u Raġunijiet**

L-għan ta' dan l-Abbozz ta' Liġi huwa li jintroduċi mekkaniżmu bil-għan li d-dispożizzjonijiet relatati mal-għoti ta' pensjoni tas-servizz lill-uffiċjali tal-Forzi Armati ta' Malta, jkunu jistgħu jiġu applikati b'mod retroattiv.

VERŻJONI ELETTRONIKA



**A BILL**
**entitled**

*AN ACT to amend the Malta Armed Forces Act, Cap. 220.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same, as follows:-

Short title and commencement.

Cap. 220.

**1.** (1) The short title of this Act is the Malta Armed Forces (Amendment) Act, 2016, and this Act shall be read and construed as one with the Malta Armed Forces Act, hereinafter in this Act referred to as "the principal Act".

(2) This Act shall come into force on such a date as the Minister responsible for defence may by notice in the Gazette establish, and different dates may be so established for different provisions or different purposes of this Act.

Amendment of article 4 of the principal Act.

**2.** Immediately after sub-article (4) of article 4 of the principal Act, there shall be added the following new sub-article:

"(5) Notwithstanding the foregoing provisions of this article, in so far as the granting of pensions is concerned:

(a) any regulations made under this article may have retrospective effect in order to confer a benefit upon, or remove a disability attaching to any person or class of persons;

(b) no regulation made under this article shall have effect unless it has received the prior approval of the House of Representatives signified by resolution; and

VERŻJONI ELETTRONIKA



(c) any pension granted under this Act shall be computed in accordance with the provisions in force at the actual date of the officer's retirement.".

**Objects and Reasons**

The object of this Bill is to introduce a mechanism to the effect that the provisions relating to the granting of pension service to officials of the Armed Forces of Malta may be applied retroactively.

**Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta —** ***Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta***
**Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta riċiklata —** ***Printed at the Government Printing Press on recycled paper***

**Prezz/*Price***
**€0.36**